**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 107/2014**

**Illum, 29 ta' Mejju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Darren Grech**
**(ID 524087(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Darren Grech**, iben Joseph u Catherine nee` Abela, imwieled Pieta` nhar it-22 ta' Novembru 1987, u residenti 37, "Edelweiss", Triq il-Ħarrub, Żejtun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 524087(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar id-29 ta' Diċemrbu 2009, kif ukoll f'dawn l-aħħar żminijiet, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellu liċenżja mill-President ta' Malta u mingħajr

ma kien awtoriżżat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat Darren Grech qiegħed jiġi akkużat bir-reati ta' traffikar ta' droga eroina u bil-pussess tal-istess droga u dan b'referenza għad-29 ta' Diċembru 2009 u l-aħħar żminijiet ta' qabel din id-data. In sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti provi:

(i) Proċess verbal redatt mill-Maġistrat, illum Imħallef, Dr. Consuelo Scerri Herrera magħluq fis-7 ta' Jannar 2010 dwar stqarrija ġuramentata ta' Joseph Duca rilaxxjata nhar id-29 ta' Dicembru 2009, f'liema stqarrija huwa jgħid kif ġie mwaqqaf mill-pulizija fiż-Żejtun nhar it-28 ta' Diċembru 2009, hekk kif kien ser jiltaqa' ma' ċertu 'Xokkijiet' sabiex mingħandu jakkwista b'€10 eroina. Quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, Duca kkonferma l-istqarrija minnu rilaxxjata lill-pulizija bil-ġurament.[1]

(ii) Ix-xhieda ta' **PS 1044 Gordon Calleja** li jgħid illi fid-29 ta' Diċembru 2009 fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Pierre Grech u flimkien ma' PS 279 u PC 1348, fuq skorta ta' mandat, kienu għamlu osservazzjonijiet fil-viċinanzi ta' Triq il-Qadi fiż-Żejtun. Jgħid ukoll illi f'xi ħin kienu lemħu lill-imputat odjern jieqaf bil-vettura tiegħu viċin vettura oħra, misjuqa minn ċertu Joseph Duca. Hekk kif avviċinawhom, huma lemħu lill-imputat jarmi oġġett mit-tieqa tal-vettura tiegħu, liema oġġett ġie fuq PC 1348, li dak il-ħin kien qed javviċina l-vettura min-naħa ta' wara. L-istess oġġett inġabar minn mal-art u rriżulta li kien *sachet* b'sustanza suspettata eroina. Iżid jgħid illi saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat minn fejn ġie elevat flixkun tal-*Fanta* magħmul f'pipa u €885 fi flus kontanti. Skont ix-xhud, fil-vettura misjuqa mill-imputat ma nstab xejn.[2]

(iii) Ix-xhieda ta' **PS 279 Kevin Gauci** li jgħid illi fuq struzzjonjiet tal-Ispettur Grech u fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat odjern, nhar it-28 ta' Diċembru 2009, tard wara nofsinhar għamlu osservazzjoni fil-viċinanzi tar-residenza tal-imputat bin-numru 7, Edelweiss, Triq il-Ħarrub, Żejtun, fejn osservaw vettura Skoda bajda bin-numru tar-reġistrazzjoni AAN 957 misjuqa mill-imputat u vettura oħra Toyota Aygo, jersqu lejn xulxin. Jgħid illi x'ħin avviċinaw iż-żewġ vetturi, PC 1348 qalilhom li kienet ġiet xi ħaġa fuqu, li meta ġabarha, sab li din kienet borża tal-plastik kontenenti trab suspettat droga. Jgħid illi dak il-

[1] Ara dan il-proċess verbal esebit a fol. 8 tal-proċess, l-istqarrija ta' Joseph Duca a fol. 18 tal-proċess u x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti a fol. 23 sa 25 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 27 sa 29 tal-proċess.

ħin, huwa kien qed javviċina lit-terz ossia lil Joseph Duca, kien għamillu tfittxija u f'idu Duca kellu €15, apparti li eleva mill-pussess tiegħu *mobile phone*. Iżid jixhed illi l-kollegi tiegħu qalulu li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu *mobile phone* Samsung, €25 fil-but u €80 fil-kartiera. Sussegwentement, saret tfittxija fir-residenza tal-imputat, fejn instabu landa tas-sigaretti Marlboro, żewġ *diaries*, flixkun tal-Fanta magħmul bħala pipa, *mobile phone* Nokia u €885 fli flus kontanti, liema oġġetti x-xhud jgħid li nstabu fil-kamra tas-sodda li minnha kien jagħmel użu l-istess imputat.[3]

(iv) Ix-xhieda ta' l-ex **Spettur Pierre Grech** li jgħid illi huwa kien bagħat membri tal-Iskwadra ta' kontra d-droga sabiex jagħmlu osservazzjonijiet fi Triq il-Qadi, Żejtun u l-inħawi tagħha fuq skorta ta' informazzjoni dwar traffikar ta' droga. Huwa jixhed dwar dak li ġie rrappurtat lilu mill-pulizija preżenti u jgħid illi ż-żewġ persuni involuti kienu ġew arrestati. Ix-xhud esebixxa l-istqarrija tal-imputat odjern, rilaxxjata minnu fid-29 ta' Diċembru 2009[4] u jgħid ukoll illi Joseph Duca, ossia l-persuna l-oħra li kienet ġiet arrestata, kien irrilaxxja stqarrija ġuramentata li fiha kien indika li kien ser jixtri d-droga mingħand l-istess imputat. Jgħid ukoll ix-xhud illi kienu ġew mgħoddija lilu l-pakkett li ntrema u xi *mobile phones*.[5] Madankollu, dawn baqgħu ma ġewx esebiti fl-atti ta' din il-kawża.

(v) Ix-xhieda ta' **PS 1348 Joseph Campell** li jgħid illi fit-28 ta' Diċembru 2009, waqt li kienu qegħdin jagħmlu xi xogħol ġewwa ż-Żejtun, kienu segwew għal ftit tal-ħin, vettura misjuqa minn ċertu Joseph Duca, rawh jitfa' fil-ġenb u javviċina vettura oħra u stante li kien hemm suspett li kien ser isir negozju ta' droga, marru fuq iż-żewġ vetturi. Ix-xhud kien qed isuq, tefa l-vettura u ħareġ minnha u f'dak il-waqt ra moviment da parti tax-xufier tal-vettura l-oħra (mhux dik misjuqa minn Duca), liema xufier dak il-ħin kien għadu fil-vettura, u dan fis-sens li tefa' xi ħaġa u l-istess xhud ħass xi ħaġa fuq rasu. Dak il-ħin huwa ġabar pakkett bid-droga mill-art. Ix-xhud ma kienx jaf jgħid jekk kienx ġie elevat xi ħaġa oħra mill-kollegi tiegħu apparti dan il-pakkett. Jgħid ukoll illi ma kienx involut fi tfittxijiet oħrajn.[6]

---

[3] Ara a fol. 30 sa 34 tal-proċess.
[4] Din tinsab esebita a fol. 41 sa 44 tal-proċess.
[5] A fol. 36 sa 39 tal-proċess.
[6] A fol. 45 sa 48 tal-proċess.

(vi) Ix-xhieda ta' **PC 642 Joseph Camilleri** li jgħid illi fit-28 ta' Diċembru 2009, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Pierre Grech, marru josservaw karozza fi Triq il-Qadi, Żejtun, fejn kienu hu, PS 1044, PC 279 u PC 1348. Huma osservaw vettura oħra, jekk jiftakar sew Skoda bajda u waqfu żewġ vetturi fejn xulxin. Kif marru fuqhom, ix-xufier tal-iSkoda, min-naħa tal-lemin, rema pakkett li ġie fuq ras PC 1348, liema pakkett inġabar. F'din il-vettura, kien hemm l-imputat odjern, fil-waqt illi l-persuna l-oħra kienet Joseph Duca. Jgħid ukoll illi huwa ma kienx involut fi tfittxijiet oħrajn.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif ingħad, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar id-29 ta' Diċembru 2009 ossia l-għada tal-arrest tiegħu li, mix-xhieda tad-diversi uffiċjali tal-pulizija preżenti fuq il-post tal-arrest u mid-data li fiha ttieħdet l-istqarrija ta' Joseph Duca, jirriżulta li seħħ nhar it-28 ta' Diċembru 2009 u mhux kif jixhdu l-ex Spettur Pierre Grech u PS 1044 Gordon Calleja li jagħmlu referenza għad-29 ta' Diċembru 2009. Erronjament anke l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu għad-29 ta' Diċembru 2009, għalkemm jirreferu wkoll għal "*dawn l-ahhar zminijiet*" u għalhekk jinkludu anke t-28 ta' Diċembru 2009.

L-imputat irrilaxxja din l-istqarrija wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda ma ngħatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u wisq inqas id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess stqarrija. L-ewwel dritt daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni dritt imsemmi daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward biżżejjed issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemm hekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti qed tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern bħala prova inammissibbli.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża tressaq tliet raġunijiet għaliex fil-fehma tagħha l-imputat għandu jiġi liberat miż-żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

**L-ewwel raġuni** hija n-nuqqas ta' ammissibbilita` tal-prova konsistenti fl-istqarrija rilaxxjata minn Joseph Duca, kif ikkonfermata minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, liema stqarrija u xhieda ġew esebiti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri in sostenn tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat u dan skont id-difiża, stante illi l-istess Joseph Duca qatt ma nġieb bħala xhud f'dawn il-proċeduri. F'dan ir-rigward, id-difiża tirreferi għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina** fejn il-Qorti rriteniet hekk fir-rigward ta' dan il-punt proċedurali:

"*Issa, huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara Il-***Pulizija v. Angelo Grima** *App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xhieda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[7] ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. …*

[7] L-Artikolu 661 tal-Kap. 9 jgħid hekk: "Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra."

*bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza* **Kostovski v. Netherlands** *(20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu*

***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.***[8]

*Fil-kaz in dizamina Mentosa la gie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tieghu permezz tal-procedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti, ghalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija guramentata tieghu u mhux, kif effettivament ghamlet, tistrieh in parti fuqha…*".

F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll illi:

"*Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet maghmula minn persuni li in segwitu qatt ma jingiebu bhala xhieda fil-process. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smiegh xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet <u>kienux l-unika prova kontra l-akkuzat, jew kinux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab hati</u>. Ara f'dan is-sens Ben Emmerson u Andrew Ashworth* **Human Rights and Criminal Justice** *Sweet & Maxwell (London) 2001: "What appears from these and other decisions is a complex mixture of at least three major factors. First, the Court's chief concern is the fairness of the trial as a whole: the defendant's right to "confront" or cross-examine every prosecution witness is important, but not absolute. Or, to express the point differently, reliance on pre-trial witness statements is not contrary to the Convention, so long as the rights of the defence are respected. Secondly, the Court's judgment on overall fairness is much affected by the significance of the written or reported statements for the prosecution case: it is fairly clear that a trial would be unfair if the conviction rested "solely or mainly" on the disputed statement, but in some decisions the test is expressed in terms more favourable to the defence. Thus in Ludi v. Switzerland the Court thought it sufficient to render the trial unfair that the written evidence had "played a part" in the conviction. However this may be explained by the third factor: that the Court has*

---

[8] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.

*regard to the practical possibility of according greater recognition to defence rights than was done at the trial. In other words, there are some cases where the impracticability of producing the witness at the trial might lead the Court to adopt a more flexible approach to Article 6(3)(d) (as, for example, in Artner v. Austria, where the witness had gone missing and was untraceable; or in Asch v. Austria, where the witness exercised her right not to testify). But the national court should always look for alternative safeguards. As the Court put it in Van Mechelen v. Netherlands, "any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary. If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied"." (para. 15-114, 15-115, pagna 465).*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fl-istess sens hija wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2010, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco**, fejn ingħad illi:

"*S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali (eccetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li ghalih l-Artikolu 30A jaghmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Magistrat taht is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti mehtiega ghall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma cari fil-portata taghhom: id-deposizzjoni regolarment moghtija fl-inkjesta dwar l-in genere ... tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliciment ghall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jingieb ukoll fil-qorti biex jigi ezaminat viva voce ... hlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab… (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646).*"

Isegwi għalhekk illi la darba x-xhieda ġuramentata ta' Joseph Duca hija fil-fatt l-unika prova determinanti li tressqet fil-konfront tal-imputat in sostenn tal-ewwel imputazzjoni u la darba l-istess Duca baqa' ma ġiex prodott bħala xhud f'dawn il-proċeduri, u dan ukoll mingħajr ebda spjegazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni, bir-riżultat illi l-imputat ġie effettivament prekluż milli jikkonfronta u jikkontrolla l-istess xhud billi jagħmillu l-kontro-ezami, il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief illi tiskarta l-istess stqarrija ġuramentata bħala prova.

**It-tieni raġuni** li tqajjem id-difiża hija n-nuqqas ta' analiżi fuq is-sustanza li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu. Fi kliem sempliċi, dak li ttenni d-difiża huwa illi l-Prosekuzzjoni ma ġabitx prova, fil-grad rikjest mil-liġi, illi dak li kellu fil-pussess tiegħu l-imputat kienet droga erojina, ai termini tat-tieni imputazzjoni. Il-Qorti tosserva fir-rigward illi l-prinċipju regolatur dwar il-prova fil-kamp kriminali huwa kif imfisser f'sentenza riċenti tal-11 ta' Jannar 2019, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs *Omissis***, fejn il-Qorti Kriminali qalet illi:

*"... l-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali jrendi lill-artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili applikabbli ghall-qrati tal-gustizzja kriminali. L-artikolu 559 tal-Kap 12 jistipula illi: "Il-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib." Minn naha l-ohra pero', trid tigi rispettata r-regola sagrosanta li fi proceduri kriminali, in rigward il-presunzjoni tal-innocenza ta' persuna akkuzata b'delitt, il-Qorti trid tara li persuna akkuzata ghandha tinstab hatja minghajr ma jissussisti dubju dettat mir-raguni u b'dik il-konvinzjoni morali, u fuq bazi legali, li ghandu jkun hemm, f'kull kaz, sabiex tali decizzjoni tkun wahda certa u serena.*"

Dwar is-sustanza mertu tal-każ odjern, il-Qorti tinnota illi għalkemm mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni m'għandhiex dubju illi l-pakkett b'sustanza kontenenti dak li huma ssuspettaw li kienet droga ntrema proprju mill-imputat odjern, waqt illi l-pulizija kienu qegħdin javviċinaw il-vettura tiegħu, biss dan il-pakkett baqa' ma ġiex esebit, kif lanqas ma ġew esebiti r-rimanenti oġġetti, *mobiles,* djarji u flejjes li huma jgħidu li elevaw mir-residenza tal-istess imputat u għaldaqstant ma setgħetx issir analiżi fuq l-istess. Konsegwentement, ma tirriżultax prova fil-grad rikjest mil-liġi illi tali pakkett kien jikkontjeni d-droga eroina.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Skartati l-istqarrija tal-imputat odjern, l-istqarrija ġuramentata ta' Joseph Duca u fin-nuqqas ta' prova dwar in-natura tas-sustanza li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu nhar it-28 ta' Diċembru 2009, il-provi rimamenti fl-atti jikkonsistu f'dak li osservaw il-pulizija fil-jum in kwistjoni, ossia żewġ vetturi jieqfu viċin xulxin u lil Duca joħroġ mill-vettura u javviċina l-vettura tal-imputat. Fil-waqt illi l-imputat rema pakkett mit-tieqa tal-vettura b'sustanza li baqgħet ma ġietx analiżżata, Duca kellu f'idu €15 fi flus kontanti. Suspettużi kemm huma suspettużi dawn iċ-ċirkostanzi, fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova oħra, il-Qorti tqis illi la l-ewwel imputazzjoni u lanqas it-tieni imputazzjoni ma jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tqisx li huwa meħtieġ li tinoltra ruħha fl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mid-difiża.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Darren Grech** mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat